25/05/18

**MaltaPost Opens a New Post Office in Żurrieq**

MaltaPost continues to invest in upgrading the services it offers to its clients with the opening of a new Post Office at 75, Main Street, Żurrieq, ŻRQ 1317. This Post Office replaced the Post Office which was situated at Post Office 8, St. Catherine Street, within the same locality.

This Post Office offers all postal services including local and registered mail as well as philately and numismatics products, encashment of cheques issued by the Central Bank of Malta, international money transfers, PostaPay&Save Payment account and card as well as a wide selection of stationery and greeting cards.

This retail outlet also hosts Easipik; a 24/7 always open parcel pick-up service. This service is particularly attractive for customers who are not home during the day to receive their online shopping.

“MaltaPost is continuously investing in improving the experience it gives to its customers, and the opening of this Post Office highlights the company's ongoing commitment to deliver a high level of service and to adapt to the needs of its clients“ explained Joseph Gafà, CEO at MaltaPost. “Our retail network is one of the largest in the Maltese islands, and we will continue to enhance this network to offer a high level of service in a welcoming environment.“

The new Żurrieq Post Office will be open as from Wednesday 30th May, from Monday to Saturday between 7.30am and 13.00pm. For further information about the Post Offices and their locations, and about the range of products and services offered by MaltaPost visit www.maltapost.com.

25/05/18

**MaltaPost tiftaħ Fergħa Postali Ġdida fiż-Żurrieq**

MaltaPost tkompli tinvesti fis-servizzi li tagħti lill-klijenti bil-ftuħ ta' Fergħa Postali ġdida f' 75, Triq il-Kbira, Żurrieq, ŻRQ 1317. Din il-Fergħa Postali nfetħet minflok dik ta' 8 Triq Santa Katerina fl-istess lokalita'.

Din il-Fergħa toffri s-servizzi postali kollha inkluż posta lokali u internazzjonali kif ukoll prodotti ta' filatelija u numismatika, tisrif ta' ċekkijiet li jinħarġu mill-Bank Ċentrali ta' Malta, *money transfers*, *PostaPay&Save Payment account* u għażla ta' kartolini u prodotti ta' *stationery.* Din il-Fergħa Postali hija ddisinjata fuq stil modern li jagħti esperjenza ġdida lill-klijenti li jżuruha.

Il-Fergħa se tinkludi wkoll is-servizz tal-Easipik li huma *parcel lockers* miftuħin 24/7.
Dan is-servizz huwa b'mod partikolari ideali għal klijenti li ma jkunux id-dar matul il-ġurnata sabiex jistennew ix-xirja online tagħhom.

"MaltaPost kontinwament tinvesti biex ittejjeb l-aċċess tas-servizzi postali u l-ftuħ ta' din il-Fergħa jkompli juri l-impenn tal-kumpanija biex tipprovdi servizzi ta' livell għoli u dejjem tadatta għal bżonnijiet tal-klijenti" spjega Joseph Gafà, Kap Eżekuttiv tal-MaltaPost, "In-*network* tal-bejgħ tagħna huwa wieħed mill-akbar fil-gżejjer Maltin u se nkomplu ntejbuh biex noffru l-aqwa servizz possibli f'ambjent komdu u modern lill-klijenti tagħna."

Il-Fergħa Postali ġdida taż-Żurrieq se tibda tkun miftuħa minn nhar l-Erbgħa 30 ta' Mejju, mit-Tnejn sas-Sibt bejn is-7.30am u s-13.00pm. Għal aktar tagħrif dwar il-Fergħat Postali u l-lokalitajiet tagħhom kif ukoll dwar l-għażla ta' prodotti u servizzi tal-MaltaPost, żur www.maltapost.com.